# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn hdax (11) ta' Lulju 2016**

**Rikors Numru 3/16 FDP**

**Salvatore Cutajar (ID 783356M) u Peter Cutajar (ID 821350M)**

**vs**

**Jason Calleja**
**(ID M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Jannar 2016 fejn l-atturi talbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut thallashom s-somma ta' tlett elef, sebgha mija u sittin Euro (€3,760) rappresentanti l-bilanc ta' prezz ta' maghlef lilu mibjugh u kkonsenjat.

Bl-ispejjez inkluz dik tal-Ittra Ufficjali 1757/15 ppresentata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12, bl-imghax mis 6 ta' Ottubru 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimat fil-15 ta' Jannar 2016 (fol 4).

Rat illi fit 2 ta' Frar 2016 l-intimat ippresenta eccezzjonijet fejn sahaq illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l0konvenut hallas kif kien miftiehem u ma ghandu jaghti xejn lill-atturi.

Rat illi fit-28 ta' April 2016 xehed Jason Calleja u obbliga ruhu li jippresenta ricevuti in sostenn ta' dak minnu dikjarat fis-seduta li jmiss.

Rat illi fis 16 ta' Gunju 2016 l-intimat naqas milli jidher u l-Qorti ordnat illi, f'kaz li ma jerrggha jidher fis-seduta li jmiss, jigu ppresentati kapitoli fil-konfront ta' l-istess intimat.

Rat illi fis 7 ta' Lulju 2016 reggha ma deherx l-intimat sabiex jixhed u ghalhekk ir-rikorrenti ippresentaw kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 19).

Rat illi fis-seduta ta' llum, il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni u ghalhekk dawn gew kkunsidrati bhala ammessi.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur ta’ l-atturi jghid li t-talba attrici ghadha dovuta issib li t-talba tal-attur kif mitluba tirrizulta gustifikata w timmerita konferma u l-eccezzjonijiet huma michuda.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ <u>tlett elef, sebgha mija u sittin Euro (€3,760)</u> rappresentanti l-bilanc ta' prezz ta' maghlef mibjugh u kkonsejnat lill-konvenut**

**Spejjez u Imghax legali mis 6 ta' Ottubru 2015 sad-data tal-pagament effettic kontra l-konvenut kif mitluba fil-avviz promotur.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**